13.2.2019

B8-0110/2019 }
B8-0118/2019 }
B8-0119/2019 }
B8-0120/2019 }
B8-0124/2019 }
B8-0125/2019 } RC1/Am. 2

**Emenda 2**
**Mario Borghezio, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Iż-Żimbabwe

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra s-sentenza tat-Tribunal tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) fil-Kawża ta' Mike Campbell (Pvt) Ltd et al. v. Ir-Repubblika taż-Żimbabwe, il-Kawża SADC (T) Nru 2/2007 (Novembru 2008), li fiha t-Tribunal iddeċieda li l-programm ta' riforma tal-art taż-Żimbabwe kien jikser it-Trattat SADC, li huwa ċaħad l-aċċess tas-sidien tal-proprjetà għall-qrati, li l-ħtif tal-art kien jammonta għal diskriminazzjoni razzjali, u li l-Gvern taż-Żimbabwe naqas milli jħallas kumpens raġonevoli lis-sidien tal-proprjetà,*** |

Or. en

13.2.2019

B8-0110/2019 }
B8-0118/2019 }
B8-0119/2019 }
B8-0120/2019 }
B8-0124/2019 }
B8-0125/2019 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**
**Mario Borghezio, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Iż-Żimbabwe

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi fit-30 ta' Lulju, iż-Żimbabwe kellu l-ewwel elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari tiegħu wara r-riżenja ta' Robert Mugabe f'Novembru 2017; ***billi l-elezzjonijiet offrew lill-pajjiż l-opportunità li jtemm is-sensiela ta' elezzjonijiet kontenzjużi mmarkati mill-abbuż tad-drittijiet politiċi u tal-bniedem u minn vjolenza sponsorjata mill-istat;*** | B. billi fit-30 ta' Lulju, iż-Żimbabwe kellu l-ewwel elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari tiegħu wara ***kolp ta' stat u*** r-riżenja ta' Robert Mugabe f'Novembru 2017; billi l-elezzjonijiet offrew lill-pajjiż l-opportunità li jtemm is-sensiela ta' elezzjonijiet kontenzjużi mmarkati mill-abbuż tad-drittijiet politiċi u tal-bniedem u minn vjolenza sponsorjata mill-istat; |

Or. en

13.2.2019

B8-0110/2019 }
B8-0118/2019 }
B8-0119/2019 }
B8-0120/2019 }
B8-0124/2019 }
B8-0125/2019 } RC1/Am. 4

**Emenda 4**
**Mario Borghezio, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Iż-Żimbabwe

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Fa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi l-massakri ta' Matabeleland, magħrufa wkoll bħala l-massakri ta' Gukurahundi, twettqu fl-1983 mir-reġim preċedenti, li fih serva l-President attwali Emmerson Mnangagwa, u wasslu għall-mewt ta' aktar minn 20 000 Ndebeles fi sforz biex jiġi evitat li l-partiti tal-oppożizzjoni jiksbu appoġġ fl-elezzjonijiet taż-Żimbabwe; billi dan il-qtil kellu effett dejjiemi fuq ir-riżultati tal-elezzjoni; billi l-President Mnangagwa jkompli jirrifjuta li jitlob skuża għall-massakri;*** |

Or. en

13.2.2019

B8-0110/2019 }
B8-0118/2019 }
B8-0119/2019 }
B8-0120/2019 }
B8-0124/2019 }
B8-0125/2019 } RC1/Am. 5

**Emenda 5**
**Mario Borghezio, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Iż-Żimbabwe

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Ua (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ua. billi l-istat deplorevoli tal-ekonomija taż-Żimbabwe, flimkien mal-insigurtà tal-ikel u ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem, qed jirriżultaw f'emigrazzjoni illegali tal-massa lejn pajjiżi oħra tan-Nofsinhar tal-Afrika, li mbagħad thedded l-istabbiltà reġjonali;*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Mario Borghezio, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Iż-Żimbabwe

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Ub (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ub. billi l-Programm Indikattiv Nazzjonali għaż-Żimbabwe ġie allokat EUR 234 miljun għall-perjodu 2014–2020 taħt il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, primarjament għall-agrikoltura, is-saħħa u l-governanza;*** |

Or. en

13.2.2019

B8-0110/2019 }
B8-0118/2019 }
B8-0119/2019 }
B8-0120/2019 }
B8-0124/2019 }
B8-0125/2019 } RC1/Am. 7

**Emenda 7**
**Mario Borghezio, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Iż-Żimbabwe

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jipproklama li t-trattament tar-reġim preċedenti ta' bdiewa bojod permezz ta' esproprjazzjoni bil-forza ta' art agrikola kien jikkostitwixxi diskriminazzjoni razzjali u kiser id-drittijiet ta' proprjetà tagħhom;*** |

Or. en

13.2.2019

B8-0110/2019 }
B8-0118/2019 }
B8-0119/2019 }
B8-0120/2019 }
B8-0124/2019 }
B8-0125/2019 } RC1/Am. 8

**Emenda 8**
**Mario Borghezio, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Iż-Żimbabwe

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 14b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14b. Iqis li l-aljenazzjoni tal-bdiewa bojod fiż-Żimbabwe rriżultat f'insigurtà tal-ikel serja, filwaqt li l-pajjiż xi darba kien jipprovdi l-ikel għall-bqija tal-Afrika;*** |

Or. en

13.2.2019

B8-0110/2019 }
B8-0118/2019 }
B8-0119/2019 }
B8-0120/2019 }
B8-0124/2019 }
B8-0125/2019 } RC1/Am. 9

**Emenda 9**
**Mario Borghezio, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Iż-Żimbabwe

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 14c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14c. Jipproponi li l-Gvern taż-Żimbabwe jieħu passi pożittivi biex jagħti nifs ġdid lill-biedja bħala okkupazzjoni sikura u lukrativa, u jħallas kumpens lis-sidien tal-proprjetà għall-ħtif illegali tal-art tal-2000, kif ordnat mit-Tribunal tal-SADC;*** |

Or. en

13.2.2019

B8-0110/2019 }
B8-0118/2019 }
B8-0119/2019 }
B8-0120/2019 }
B8-0124/2019 }
B8-0125/2019 } RC1/Am. 10

**Emenda 10**
**Mario Borghezio, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Iż-Żimbabwe

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 14d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14d. Jistieden lill-Kummissjoni tissospendi kull finanzjament liż-Żimbabwe taħt il-Programm Indikattiv Nazzjonali;*** |

Or. en

13.2.2019

B8-0110/2019 }
B8-0118/2019 }
B8-0119/2019 }
B8-0120/2019 }
B8-0124/2019 }
B8-0125/2019 } RC1/Am. 11

**Emenda 11**
**Mario Borghezio, Gerolf Annemans**
f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE, EFDD**
Iż-Żimbabwe

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 14e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14e. Ifakkar lill-Istati Membri li l-assistenza umanitarja ma tistax issolvi l-problemi taż-Żimbabwe, b'mod partikolari minħabba li l-korruzzjoni fil-pajjiż għadha rampanti;*** |

Or. en